**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Johann J. Fenech)**

**vs.**

**James Grima**

Numru 800/2012

Illum it-tnejn (2) ta' Lulju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra l-imputat **James Grima**, ta' sebgha u tletin (37) sena, bin Nazzareno u Crucifissa neé Camilleri, imwieled Pieta', fis-6 ta' Mejju 1975, residenti Nru. 30, Triq l-Ghonella, Mosta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 249875(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Awwissu 2012 u matul l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data:

[1] *A fol.* 122 *et seq.*.

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

u aktar talli fit-02 ta' Awwissu 2012 u fi tmien xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina/eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. uza, ittrasferixxa l-pussess ta', baghat jew ikkonsenja lil xi persuna jew post, akkwista, ircieva, zamm, ittrasporta, ittrasmetta, oltera, iddispona minn jew b'xi mod iehor innegozja, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjeta' (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjeta' bil-hsieb li jahbi jew jikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjeta' jew dak ir-rikavat u kien jaf jew kellu suspett li dawk il-flus jew proprjeta' kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, ikunu jew miksuba jew ricevuti, direttament jew indirettament, bhala rizultat tal-ghemil ta' reat imsemmi fl-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), u dan *ai termini* tal-Artikolu 22(1C) tal-Kapitolu 101;

4. ghamel atti ta' *money laundering* billi:

   (i) ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra tal-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f'attivita' kriminali;

   (ii) heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

   (iii) akkwista, jew kellu pussess jew ghamel uzu ta' proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

(iv) bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

(v) ittenta jaghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija.

*ai termini* tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373) u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-iSkeda II minghajr ma kellu licenzja taht l-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

u aktar talli fit-02 ta' Awwissu 2012 f'dawn il-Gzejjer:

7. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ghamel hsara fuq vettura tal-marka Suzuki Alto bin-numru tar-registrazzjoni BBH 424 ghad-dannu ta' Leeroy Balzan;

8. m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi

jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-Ligi;

9. saq vettura tal-ghamla Fiat Brava bin-numru tar-registrazzjoni IBE 032 b'giri aktar milli jmissu u b'manjiera traskurata u perikoluza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, *ai termini* ta' l-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' l-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba tittratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna l-konfiska tal-armi regolari jew munizzjon li kienu qed jinzammu jew jingarru, gew akkwistati jew kienu fil-pussess, gew importati jew esportati, mibjughin jew trasferiti bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Armi bhala konsegwenza tal-piena ghal dak il-ksur.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi meta l-imputat tressaq il-Qorti taht arrest u sar l-ezami tieghu huwa rregistra ammissjoni fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ddikjara li kien qed jikkontesta l-imputazzjonijiet l-ohra addebitati fil-konfront tieghu (*a fol.* 6 u 10).

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "JF 3" – *a fol.* 14) datat 3 ta' Awwissu 2012 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat James Grima jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "JF 4" – *a fol.* 15) datat 3 ta' Awwissu 2012 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 3(2A) tal-Att Kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligjiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat James Grima jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Att.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 706/2012 (*a fol.* 22 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli liema Process Verbal jirrigwarda sejba ta' sustanza suspettata droga eroina u ammont sostanzjali ta' flus kontanti gewwa razzett fil-limiti tal-Mosta nhar it-2 ta' Awwissu 2012.

**Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 330 *et seq.*)**.

Semghet, fis-seduti tat-30 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 342) u tas-16 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 348), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 355 *et seq.*) datata 28 ta' Jannar 2016 li permezz taghha:

- *ai termini* ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) u ta' Artikolu 3(2A)(b)(c) tal-Att Kontra l-*Money Laundering* ordna li l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Att;

- *ai termini* ta' Artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

  (a) fl-Artikoli 328, 338(e), 49, 50, 533, 17, 31, 23, 23A u 23B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
  (b) fl-Artikoli 5, 6, 51 u 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
  (c) fl-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 367), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 355 *et seq.*), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 377 *et seq.*).

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mid-difiza u rat ukoll id-depozizzjoni moghtija minn Zaren Grima (missier l-imputat).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-10 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 423 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2019, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 427 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2019 (*a fol.* 426), lill-imputat jiddikjara li kien qed jammetti ghal numru ta' imputazzjonijiet skond kif gie vverbalizzat fil-verbal tas-seduta msemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Awwissu 2012, xehed ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 30) fejn qal li fl-4 ta' Awwissu 2012 kien gie moghti erba' dokumenti mill-Ufficjal Prosekutur Fenech sabiex jaghmel analizi fuqhom. Ezebixxa r-rapport redatt minnu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 32 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Awwissu 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Johann Fenech** (*a fol.* 46 *et seq.*) fejn spjega li l-investigazzjoni tal-kaz kienet tal-iSpettur Malcolm Bondin u li hu (l-iSpettur Fenech) ghinu fiha. Jghid li fit-2 ta' Awwissu 2012 kien inhareg mandat fil-konfront tal-imputat minhabba informazzjoni li kellhom il-Pulizija dwar droga. Spjega x'gie nnutat minn Pulizija li marru jaghmlu osservazzjoni fejn razzett fil-limiti ta' Had-Attard, fejn spjega wkoll x'gara meta fit-2 ta' Awwissu 2012 l-imputat gie mwaqqaf meta kien fil-Gzira bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBE 032. Jixhed dwar dak li nstab fuq l-imputat meta saret tfittxija fuqu u xi nstab minn tfittxijiet ohra li saru. Jghid li l-iSpettur Malcolm Bondin mar fuq il-post fejn assista lin-nies biex jaghmlu tfittxija fejn wara li nstabu l-affarijiet li semma, l-imputat ittiehed id-Depot sabiex jigi nvestigat. Jghid li hu (l-iSpettur Fenech) kellem lill-missier l-imputat fejn staqsieh dwar il-flejjes li nstabu fir-razzett tieghu (ta' missier l-imputat), fejn missier l-imputat qallu li minn dawk il-flus kellu madwar erba' mitt Euro (€400) li kienu f'bott f'kamra ghalihom. Jixhed kif l-ghada hu u l-iSpettur Bondin kellmu fit-tul lill-imputat fejn jghid li l-imputat irrilaxxa stqarrija u jghid x'qal fiha, liema stqarrija giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JF" (*a fol.* 50 *et seq.*). Jghid li giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa u spjega wkoll x'gara mill-esperti li gew nominati fl-Inkjesta Magisterjali u li eventwalment l-imputat gie mressaq il-Qorti.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li rrizulta li l-imputat huwa *heavy user* tal-eroina. Jghid ukoll li l-imputat kellu ammont ta' pilloli. Ikkonferma li mart l-imputat hija *hairdresser* u li ghandha

*hairdressing salon*. Jghid li l-imputat qallu li huwa ma jemminx fil-banek tant li jzomm il-flus fir-razzett.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Johann Fenech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 243) fejn ezebixxa sentenza moghtija fit-23 ta' Gunju 2004, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "JJF" (*a fol.* 244 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012, xehed **PC 10 Trevor Cassar Mallia** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn spjega li wara li kienu ilhom josservaw lill-imputat, fit-2 ta' Awwissu 2012 kienu jinsabu gewwa l-Gzira fejn gie deciz li l-imputat jigi mwaqqaf meta kien fi Triq Luqa Briffa. Jghid li hu (PC 10) waqqfu minn quddiem u li kien hemm vettura ohra quddiemu. Jghid li l-imputat tela' fuq bankina, laqat vettura, saq lejn Triq St. Albert u mar lejn Triq il-Madonna tal-Gebla, fil-Gzira u hu (PC 10) baqa' jsegwih wahdu u li x'hin wasal fi Triq il-Madonna tal-Gebla, rah jarmi xi haga mill-vettura, l-imputat baqa' sejjer f'dik id-direzzjoni u peress li t-triq taghlaq, l-imputat waqaf u rah jarmi xi haga ohra go ghalqa. Jghid li wara marru PS 1086 u PS 191 u li ghamlu tfittxija fit-triq fejn kien rah jarmi l-oggett fejn instabet borza bi trab kannella suspettata droga eroina. Jghid li fejn l-imputat waqaf bil-vettura, cioé fejn rah jarmi go ghalqa, gie elevat *mobile* li kien mghawweg, liema *mobile* gie elevat. Jghid li l-imputat gie arrestat u wara marru jaghmlu tfittxija gewwa razzett f'Ta' Qali. Jghid li fit-tfittxija gew elevati mizien elettroniku li kien jinsab go kamra *kitchenette* u kien hemm sodda u li gew elevati wkoll tliet *bundles* ta' flus minn go vettura Polo bajda li kienet qieghda fir-razzett stess, li gew elevati minn PS 191. Jixhed li minn taht xkejjer tal-gwiez giet elevata borza li fiha nstab *stub* kannella u li gew elevati wkoll zewg snieter tal-kacca, fejn PS 579 eleva tubu tal-*pvc* li kien jinsab mohbi taht il-hamrija u li go fih kien hemm ammont konsiderevoli ta' flus.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk ir-razzett li jsemmi fid-depozizzjoni tieghu huwiex ir-razzett fejn joqghod l-imputat, wiegeb li r-razzett huwa ta' missier l-imputat. Semma wkoll li, jekk mhux sejjer zball, l-imputat semma madwar ghaxar t'elef (10,000) li kienet rceviet martu ghal negozju.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **PS 579 Antoine Micallef** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn qal li fit-2 ta' Awwissu 2012 ghall-habta tas-13.00pm kien flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad* meta marru go razzett fil-limiti ta' Ta' Qali gewwa Had-Attard fil-prezenza tal-imputat fejn saret tfittxija fejn minn kamra gor-razzett fejn hemm sodda minn go kexxun gie elevat mizien elettroniku. Jispjega li minn gol-ixkejjer tat-tiben go garaxx li jinsab fir-razzett, il-Pulizija elevat borza mdaqqsa bi trab kannella u qishom gebel. Jghid li minn taht l-ixkejjer gew elevati mizien elettroniku iehor u sikkina. Jghid ukoll li gew elevati xi flus minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABT 349 li kienet fil-garaxx, liema vettura kienet tidher li kienet abbandunata. Jixhed li minn tfittxija li saret fil-hamrija gie elevat tubu tal-*pvc* li kien fih madwar sittin elf Euro (€60,000) fi flus.

In <u>kontro-ezami</u> qal li r-razzett m'huwiex tal-imputat pero' huwa ta' missieru. Mistoqsi dwar is-sittin elf Euro (€60,000), jghid li l-imputat beda jitkellem mal-iSpettur fuq il-flus u semghu jghid li kien hadem ghal dawk il-flus.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehed **PC 1283 Oliver Borg** (*a fol.* 82 *et seq.*) fejn spjega li wara jiem ta' osservazzjoni fil-konfront tal-imputat, jiftakar li fit-2 ta' Awwissu 2012 kien xoghol flimkien ma' Pulizija ohra fejn giet mittiehda d-decizjoni li l-imputat jitwaqqaf meta kien bil-vettura fil-Gzira. Jghid li hu (PC 1283) hareg mill-vettura u mar javvicina lill-imputat biex ikellmu u l-imputat saq, laqat vettura u saq il-quddiem. Aktar tard jispecifika li hu (PC 1283) kien fil-vettura ta' quddiem l-imputat u li kien hemm vettura ohra bejniethom u x'hin l-imputat ra li kienu qeghdin javvicinawh bil-pass, l-imputat ghafas il-gass, saqq, mess din il-vettura l-ohra, qabad il-bankina u harab. Jghid li wara xi hin giet ricevuta informazzjoni li l-imputat kien twaqqaf ftit il-boghod minn fejn kienu huma. Jixhed li mar flimkien ma' membri ohra tal-Pulizija sabiex jaghmlu tfittxija gewwa r-razzett ta' missier l-imputat, liema razzett jinsab fil-limiti ta' Ta' Qali fejn hemmhekk sabu lil missier l-imputat u lil hu l-imputat. Jghid li t-tfittxija bdiet malli l-imputat ingieb fuq il-post u li hu (PC 1283) l-ewwel li sab kien senter li kien jinsab go kamra msaqqfa. Jghid li nstabu zewg

snieter ohra, kif ukoll somma flus go Volkswagen Polo ta' lewn abjad li kienet go kamra minnhom u bejn xkejjer tax-xghir instabet borza b'ammont suspettata li kienet droga. Jixhed li f'hin minnhom PS 579 sab *pipe* li go fih kien hemm ammont sostanzjali ta' flus. Jghid li t-tfittxija hadet hafna fit-tul u li f'hin minnhom instabu l-ammont ta' hames mitt Euro (€500) li jghid irrizultaw kienu ta' missier l-imputat. Jixhed li waqt it-tfittxija ma kien hemm l-ebda ko-operazzjoni. Jixhed: *"l-verzjoni tieghu tinbidel il-hin kollu, "le jien ma nigix hawn", "le jien nigi hawn darba fil-gimgha", imbaghad eskalat li jigi hemmhekk darbtejn kuljum u li "dik jien ma niehux droga", imbaghad li "jiena niehu ta' sikwit, dik nuzaha jien""* (*a fol.* 83).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **PC 1213 Carlos Axisa** (*a fol.* 85 *et seq.*) fejn qal li f'Lulju 2012 ghamlu diversi osservazzjonijiet fuq l-imputat fejn spjega li kienu jarawh jaghmel diversi kuntatti ma' nies li huma maghrufa maghhom fuq droga. Jghid li l-imputat kien imur ukoll ta' sikwit, pratikament kuljum, fir-razzett ta' missieru, liema razzett jinsab fil-limiti ta' Ta' Qali, bejn Had-Attard u Ta' Qali. Jghid li fit-2 ta' Awwissu 2012 gew moghtija struzzjonijiet sabiex iwaqqfu lill-imputat u li hekk kif marru biex iwaqqfuh gewwa l-Gzira, l-imputat induna bihom, ippruvaw iwaqqfuh, saq go fihom, tela' fuq bankina u laqat vettura pajzana li nzertat ta' Pulizija li ma kienx xoghol pero' kien bl-uniformi. Jghid li fil-frattemp hu (PC 1213) rikeb go vettura ohra li ma kinitx l-istess wahda li kien fiha qabel peress li dik li kien fiha qabel saqha PC 10 ghal wara l-imputat. Jghid li gie nfurmat li l-imputat gie mwaqqaf peress li kien dahal go *dead end* fejn l-imputat gie arrestat. Jghid li hu (PC 1213) kien prezenti ghal zewg tfittxijiet gewwa proprjeta' tal-imputat, wahda gewwa l-Mosta u ohra gewwa San Pawl il-Bahar, fejn ma nstab xejn li huwa relatat ma' droga. Jghid li minn hemm l-imputat ittiehed fir-razzett ta' missieru, liema razzett jinsab fil-limiti ta' Qali fejn qalilhom li hu ma jmurx hemm ghax miggieled ma' missieru, pero' jghid li huma kienu jarawh imur hemm. Jghid li saret tfittxija fir-razzett li ghaliha hu (PC 1213) ma kienx prezenti.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **PC 340 Leeroy Balzan Engerer** (*a fol.* 87 *et seq.*) fejn qal li fit-2 ta' Awwissu 2012

kien ghadu gej minn funeral ta' kollega u biex imur lura lejn id-dar kellu jghaddi mill-Gzira bil-vettura tieghu Suzuki Alto bin-numru ta' registrazzjoni BBH 424. Jixhed li ra li kien hemm vettura pajzana tad-*Drug Squad* u hekk kif mar biex jaqbizha biex jibqa' sejjer lejn id-dar, hass daqqa fuq in-naha tax-xellug tal-vettura u ra vettura Fiat issuq tghaggel. Jixhed li hu kien bl-uniformi ta' Pulizija u li f'hin minnhom sema lil xi hadd jghidlu: *"Inti Pulizija, inti Pulizija"*, *"Igri warajh"* u ra l-istess vettura tigri wara din il-persuna. Jghid li wasal fejn eventwalment gie mwaqqaf l-imputat, fejn l-imputat qal li kien ser jaghmel tajjeb ghall-hsara li ghamillu fil-vettura. Jghid meta l-imputat inqabad, kien hemm hu u l-vettura Fiat li dahlet fih. Jghid li kellu hsara fuq in-naha tax-xellug tal-vetura u ezebixxa stima li giet immarkata bhala Dok. "BE" (*a fol.* 90), fejn qal li kien ghadu ma thallasx ghall-hsarat kagunati fil-vettura tieghu.

**PS 340 Leeroy Balzan** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 306 *et seq.*) fejn spjega li kien gabar il-hsarat kagunati fil-vettura tieghu wara li kien sar kuntatt mieghu mis-socjeta' tal-assigurazzjoni tal-imputat. Jghid li minn dak inhar biddel il-vettura u li uza dawk il-flus bhala depozitu fuq vettura ohra.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll is-**Surgent Maggur Frankie Borg** (*a fol.* 91 *et seq.*) fejn qal li jaf lill-imputat peress li jinsab fil-*Forensic Unit*. Mistoqsi jghid jekk ghandux idea dwar xi problemi li l-imputat jista' jkollu, wiegeb fin-negattiv. Jghid li l-imputat jinsab taht il-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Dr. John Seychell Navarro** (*a fol.* 93) fejn qal li f'isem ir-Registratur ghamel elenku tal-assi ta' James Grima, liema elenku gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JSN/JG" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012, xehed **Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 96 *et seq.*) wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali (*a fol.* 95) fejn spjega li l-imputat kien pazjent tieghu mis-sena 2008 u li l-ewwel darba li kien rah kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fejn l-

imputat kien qed jiskonta sentenza fuq reati relatati ma' prostituzzjoni u li kemm dam hemm zviluppa l-problema tad-droga. Jghid li incidentalment kien jara wkoll lil hu l-imputat fejn huh kellu problemi psikjatrici. Jghid: *"milli jidher l-familja l-affarijiet dejjem jigdbu"* (*a fol.* 96). Jghid li fis-sena 2008 wasal ghad-dijanozi li l-imputat ibaghti minn *obsessive compulsive disorder*, dipressjoni u li kien zviluppa l-problema tad-droga eroina gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Jghid li l-imputat ghandu *addictive personality*, li kien jabbuza mis-sustanza tal-alkohol u kien jiehu madwar erbgha u ghoxrin (24) unit kuljum. Jixhed: *""it's quite a huge amount, pero' imbaghad tinduna illi dan l-agir huwa l-compensation tieghu jew is-self treatment, self medication ghal fittagni li jkollu u b'hekk jonqsu ghax tonqos il-livell ta' l-anxiety iktar ma' jixrob, iktar jikkalma jhossu tajjeb"* (*a fol.* 96-97). Jghid li minkejja l-problemi li jezistu fil-familja, l-imputat ghandu xoghol regolari, huwa mizzewweg u ghandu tifel ta' ghaxar snin. Jikkonferma li l-imputat ghandu problema tad-droga u li l-problema primarja tieghu hija l-problema tad-dipressjoni u ta' l-*obsessive compulsive disorder*. Jixhed: *"S'intendi nixtieq nghaddi kumment ukoll ghax waqt li hadt id-dettall illi milli jidher il-Pulizija kienu sabulu xi hafna pilloli d-dar ukoll u dawn huma s-sinjal. Ahna nghidulu l-evidenza illi l-OCD tieghu hija qawwija hafna, allura minflok ikollu kaxxa jrid ikollu tlieta, minflok li jkollu oggett, irid ikollu tlieta biex hu jkun safe, mohhu safe illi qatt ma huma se jispiccawlu l-medicini, qatt mhu se jigrilu xejn hazin ghax kollox storjat"* (*a fol.* 97). Jghid li din hija t-*trend* l-aktar komuni li jaraw fl-*obsessive compulsive disorder*. Jghid li kemm l-imputat ilu fil-*Forensic Unit*, cioé minn Awwissu, l-imputat dejjem kien *clean* u li l-istat mentali tieghu huwa tajjeb. Ezebixxa bhala Dok. "JS" (*a fol.* 99 *et seq.*) dokument rigward ezami psikjatriku fuq l-imputat, fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *"Il-kundizzjonijiet psikjatrici u wkoll tal-problemi tad-droga jpoggu lis-Sur Grima fil-kategorija ta' Dual Diagnosis. Huwa sfortunat li fil-waqt li kien qieghed jigi reformat gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin beda l-vizzju tat-tehid ta' l-eroina, madankollu wiehed irid jghid illi l-personalita' addittiva (addictive personality) tidher li kienet minn dejjem prezenti izda s-sustanzi ma kienux available fil-hajja normali tieghu.*

*Illum is-Sur Grima qed jigi kkurat ghall-kundizzjonijiet psikjatrici tieghu, l-istat mentali tajjeb hafna, madankolu r-rakkomandazzjonijiet huma cari u dawn jinkludu:*

1) *Illi jkompli l-kura psikjatra regolari*
2) *Jibqa' jiehu l-medicina regolari u*
3) *Li jkun hemm sorveljanza fejn ikun determinat il-fatt li hu ma jkunx qed jiehu sustanzi llecti, inkluz alkohol"* (*a fol.* 104).

**Dr. Joseph Spiteri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 266) fejn qal li l-imputat huwa pazjent regolari tieghu. Spjega li l-imputat jattendi l-klinika u li l-istat mentali tieghu huwa tajjeb u li jkun *clean* kull meta jiehdu t-testijiet ghal kontra s-sustanzi lleciti. Jghid li l-imputat jahdem u li l-hajja personali tieghu tinsab fi stat stabbli hafna li jghid hija ahbar tajba meta komparata mal-passat.

**Dr. Joseph Spiteri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 394) fejn qal li l-ewwel darba li ltaqa' mal-imputat kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u li l-imputat kien riferut il-*Forensic Unit* tal-iSptar Monte Carmeli pero' imbaghad hareg mill-habs u baqa' jsegwi l-kura li kien jaghtih gewwa l-klinika privata tieghu. Jghid li mentri qabel l-imputat kien ibaghti minn sintomi akuti, kemm ta' dipressjoni u kif ukoll ta' *dual diagnosis*, jigifieri tehid ta' sustanzi illeciti, illum il-gurnata ghal dawn l-ahhar snin, l-istat mentali tal-imputat huwa stabbli u li kull meta ttestjalu l-awrina meta jfettillu u mhux meta ried l-imputat, l-imputat dejjem instab *clean* u li hu *compliant* ghal medikazzjoni li jinghata. Jghid li l-imputat mexa hafna l-quddiem, li ghandu xoghol regolari u li jgib ruhu sew. Mistoqsi jghid dwar l-entita' tal-problema, jekk kinitx xi haga ta' *one-off* jew kinitx xi haga kbira mhux hazin, wiegeb: *"Ifhimni, jien meta kien jikkonsma s-sustanzi illeciti ma kontx nafu ezatt pero' jidher illi r-rizultat, l-effett tal-affarijiet li kien jiehu kien jidher fl-istat mentali tieghu jigifieri jidher li ghalkemm ma nahsibx li kien jiehu dawk il-kwantitajiet kbar, l-effett fuqu kienu hziena"* (*a fol.* 394).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012, xehdet ukoll **Victoria Scicluna** (*a fol.* 105 *et seq.*) fejn qalet li apparti li jkunu jistghu jiehdu

test tal-awrina tal-imputat kull gimgha, qalet li jaghmlu *session* mieghu biex jaraw kif ikun sejjer.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2013, xehed l-i**Spettur Malcolm Bondin** (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn qal li fit-2 ta' Awwissu 2012 ghall-habta ta' 12.00pm kien mar jassisti l-iSkwadra ta' Kontra d-Droga fejn kien hemm diversi Pulizija nvoluti fi tfittxija gewwa razzett f'Ta' Qali rigward il-kaz tal-imputat. Jghid li mar fuq il-post u kellem lill-imputat. Jghid li qabel it-tfittxija fuq l-imputat kienet diga giet misjuba xi droga fil-pussess tieghu u li fl-ewwel zewgt ikmamar kienu nstabu xi mwiezen. Jghid li l-imputat baqa' jinnega li kellu aktar affarijiet fir-razzett. Jghid li waqt it-tfittxija li bdiet issir, qalb l-ixkejjer ta' xi ghalf instabet sapuna b'sustanza kannella suspetta eroina u nstabet ukoll sikkina. Jghid li l-imputat qallu li kollox kien tieghu. Jghid li saret ukoll tfittxija f'vettura li kien hemm fejn instabu xi flus fil-bieba tal-vettura u jghid li kien hemm l-ammont ta' bejn tliet elef (3,000) u hames t'elef (5,000) u jghid ukoll li l-imputat qallu li dawk kienu tieghu. Jixhed li l-imputat qallu li ma kellu xejn aktar. Spjega li aktar tard instabu zewg snieter mohbija fil-balal tat-tiben, fejn l-imputat qal li kienu tieghu peress li kien xtrahom ghax hu dilettant tal-kacca. Jixhed li aktar tard PS 579 sab tubu ta' madwar zewg piedi u minn go fih hargu diversi balal ta' flus, fejn fosthom kien hemm balal bil-hames mitt Euro (€500.00). Jghid li kien hemm kwantita' kbira ta' flus u li giet miftuha Inkjesta Magisterjali. Jghid li aktar tard l-imputat qal li mill-ewwel flus li nstabu kien hemm minnhom li kienu ta' missieru. Jixhed li PC 213 mar jiccekkja ma' missier l-imputat fejn qal li hu ma kellu l-ebda tip ta' flus hemm gew. Jghid li PC 213 infurmah li missier l-imputat kien qallu li kull ma kellu flus hemm gew kienu mohbija go bott u li kien hemm madwar hames mitt Euro (€500.00) li kien juzahom biex jixtri xi affarijiet ghar-razzett. Jghid li dan il-bott gie misjub u gie mghoddi lill-missier l-imputat fuq il-post dak il-hin stess. Jghid li meta nstab it-tubu l-kbir, l-imputat hadha bi kbira u qal li dawk il-flus kienu tieghu u kien qalaghhom bl-gharaq ta' xbinu. Jixhed rigward dak li gie mistoqsi l-imputat meta ttiehditlu l-istqarrija li kkonferma li hija dik li tinsab immarkata bhala Dok. "JF" (*a fol.* 50 *et seq.*).

L-i**Spettur Malcolm Bondin** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 256 *et seq.*) fejn ezebixxa bhala Dok. "MB" it-tubu tal-plastik li kien instab fit-2 ta' Awwissu 2012. Jghid li fit-tubu kien hemm ammont sostanzjali ta' flus kontanti fid-denominazzjoni ta' l-Euro. Jghid li dak il-hin stess l-imputat qal li dawk il-flus kienu tieghu u li kien qalaghhom bl-gharaq ta' xbinu meta kellu bar xi snin qabel. Jghid li aktar tard l-imputat beda jbiddel il-verzjoni u qal li minn dawk il-flus kien hemm xi flus tan-nanna tieghu u li parti minnhom kienu tal-mara tieghu u li meta ttiehdet l-istqarrija tieghu, jekk mhux sejjer zball, rega' biddel xi ftit il-verzjoni.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li missier l-imputat kien fuq il-post.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **PS 1086 Johann Micallef** (*a fol.* 133 *et seq.*) fejn qal li bejn Lulju u Awwissu 2012 kienet qed issir osservazzjoni fuq l-imputat u li fit-2 ta' Awwissu 2012 marru biex iwaqqfu lill-imputat. Jghid li l-imputat kien bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBE 032 u kif rahom sejrin lejh, l-imputat saq, tela' fuq bankina b'konsegwenza ta' liema laqat vettura ohra u baqa' jsuq. Jghid li PC 10 kien xufier b'vettura ohra u mar isuq wara l-imputat u li hu (PS 1086) rikeb vettura ohra. Jixhed li l-imputat dahal fi triq li taghlaq u li PC 10 infurmah li l-imputat kien x'aktarx rema *mobile* go ghalqa. Jghid li dan il-*mobile* nstab maqsum. Jghid ukoll li PC 10 ra lill-imputat jarmi xi haga mit-tieqa fejn wara li mar ifittex f'dik iz-zona fejn rah jarmi, PC 10 tela' bi blokka suspettata. Jixhed li fuq il-persuna tieghu l-imputat kellu s-somma ta' madwar tmien mitt Euro (€800.00) u li minn tfittxija li saret gewwa razzett li jinsab fl-inhawi ta' Ta' Qali, instab mizien elettroniku, xi *foil* u boroz. Jghid li f'kamra fejn kien hemm ghadd ta' silla u vettura nstabu mizien elettroniku iehor, kantuniera bi tracci u taht xkejjer biz-zerriegha nstabet ukoll blokka suspettata eroina. Jixhed li fil-vettura li kienet ipparkjata gol-garaxx instabu xi flus, li nstabu minn PS 191 li rah isibhom. Jispjega li PS 579 kompla t-tfittxija, fejn haffer hofra fil-hamrija li tidher li kienet Imbaghbsa u taht il-hamrija sab katusa maghluqa miz-zewg nahat li x'hin infethet kien jidher li fiha kien hemm

ammont sostanzjali ta' flus. Jghid li gie nfurmat li kienu nstabu xi snieter u li ghal din it-tfittxija huwa ma kienx prezenti.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **PS 191 Luke Bugeja Persiano** (*a fol.* 136 *et seq.*) fejn qal li fit-2 ta' Awwissu 2012 kien jinsab f'vettura flimkien ma' PS 1086 u li kienu qed josservaw lill-imputat fejn f'hin minnhom dahlet l-ordni li l-imputat jigi mwaqqaf. Jghid li l-imputat kien qed isuq vettura Fiat bin-numru ta' registrazzjoni IBE 032 u, minkejja li sar tentattiv biex jitwaqqaf, l-imputat tela' fuq il-bankuna u harab. Jixhed li wara li grew wara l-imputat bil-vetturi taghhom, l-imputat gie mwaqqaf fi Triq il-Madonna tal-Gebla, fil-Gzira. Jghid li hu (PS 191) beda jfittex fuq u taht il-bankina, fejn sab gebla kannella suspettata eroina go borza tal-plastik. Jixhed li aktar tard marru jaghmlu tfittxija fir-residenzi tal-imputat, wiehed f'San Pawl il-Bahar fejn jabita l-imputat u iehor f'post *under-construction* fil-Mosta, fejn ma nstab xejn. Jghid li marru jaghmlu tfittxija gewwa razzett li jinsab fil-limiti ta' Ta' Qali, f'Had-Attard, fejn kien hemm missier l-imputat u huh. Jghid li dahlu jaghmlu tfittxija u giet innutata vettura Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni ABT 349 u li minn taht it-tapit ta' din il-vettura huwa (PS 191) eleva tliet rombli tal-flus. Jghid li kompliet it-tfittxija u nstabu xi affarijiet ohra li ma kienx elevahom hu. Jixhed li fil-hin li kien ma' PS 579 sabu katusa li kienet imdeffsa fil-hamrija u li fiha kien hemm kwantita' sostanzjali ta' flus kontanti.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Frar 2013, xehed **PC 213 Nikolai Borg** (*a fol.* 140 *et seq.*) fejn qal li fit-2 ta' Awwissu 2012 kien flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad* meta saret tfittxija f'razzett li jinsab fil-limiti ta' Had-Attard. Spjega li waqt li hu beda jaqla' xi xkejjer tal-qamh li kien hemm, tahthom sab borza mohbija li fiha kien hemm trab kannella. Jixhed li fuq il-post kien hemm l-iSpettur Bondin li beda jigi muri kull haga li kienet qed tinstab. Jixhed ukoll li go garaxx kien hemm vettura abbandunata fejn PS 191 ghamel tfittxija fiha u sab ammont ta' flus. Jghid li hu (PC 213) fil-prezenza ta' PC 1348 u PC 760 mar ikellem lill-missier l-imputat u staqsieh jekk kellux xi flus fir-razzett u dan qallu li kellu bott mohbi gol-qamh u jghid li qallu li kellu madwar erba' mitt-hames mitt Euro (€400-€500). Jghid li missier l-imputat mar maghhom u sab il-bott.

Jixhed li missier l-imputat gie mistoqsi jghid jekk kellux izjed flus, u hu wiegeb li hemm gew ma kellux aktar flus. Jghid li nstabu wkoll tliet snieter, fejn wiehed minnhom kien ta' missier l-imputat u thalla hemm mentri t-tnejn l-ohra gew mehuda. Jixhed li nstabu wkoll zewg mwiezen elettronici. Jghid li PS 579 beda jqalleb il-hamrija fejn sab katusa tal-plastik fejn go fiha kien hemm ammont sostanzjali ta' flus.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Frar 2013, xehed ukoll **PC 1348 Joseph Campbell** (*a fol.* 142 *et seq.*) fejn qal li fit-2 ta' Awwissu 2012 fuq struzzjonijiet tal-iSpettur Fenech kien mar jassisti lil kollegi ohra tieghu gewwa Ta' Qali gor-razzett li jghid li hu tal-imputat. Jghid li x'hin wasal hu fuq il-post, shabu kienu diga bdew it-tfittxijiet u jiftakar li kien mar PC 213 Nikolai Borg li kien kellem lill-missier l-imputat fejn staqsieh jekk hemm gew kellux xi affarijiet tieghu. Jghid li missier l-imputat qal lil PC 213 Borg li kellu bott li kien fih xi flus u spjegalu fejn kien qieghed dan il-bott u flimkien ma' PC 213 marru jsibu dan il-bott li gie mghoddi lill-missier l-imputat. Jghid li komplew jaghmlu t-tfittxija fir-razzett fejn qal li hu (PC 1348) kien sab senter fis-silla li gie mghoddi lill-iSpettur ghal aktar stharrig.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013, xehed il-**Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 147 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Awwissu 2012 kien gie nominat mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli sabiex jaghmel pjanta tal-post fejn instabu xi flus u affarijiet konnessi ma' droga u jghid li gew elevati l-affarijiet kollha. Jghid li gew elevati ammont ta' flus li gew ezebiti minnu fil-Qorti u li apparti dik il-lista ghamel ukoll lista ohra bit-total ta' kull parti. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "RA" (*a fol.* 149 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **PS 404 Paul Camilleri** (*a fol.* 167 *et seq.*) fejn qal li fit-2 ta'Awwissu 2012 kien gie nkarigat mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli sabiex jaccedi gewwa razzett fil-limiti ta' Ta' Qali, f'liema razzett kienet ghaddejja tfittxija fejn instabu xi affarijiet li huwa ha r-ritratti taghhom kemm fuq il-post u kif ukoll gewwa d-Depot tal-Pulizija. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "PC" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, xehed **Dr. Steven Farrugia Sacco** (*a fol.* 170) fejn qal li fit-2 ta' Awwissu 2012 il-Magistrat Dr. Audrey Demicoli nnominatu bhala Espert Tekniku sabiex jassisti lill-iSpettur Fenech sabiex jezamina *mobile phones*. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "SFS" (*Envelope Loose*).

**Dr. Steven Farrugia Sacco** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 187 *et seq.*) fejn spjega li kien hemm *mobile* minnhom li kien mghawweg u li ma kienx jixghel.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **PC 1525 Patrick Farrugia** (*a fol.* 172 *et seq.*) fejn filwaqt li ghamel riferenza ghall-Inkjesta Magisterjali, qal li kien gie kkonsenjat zewg armi tan-nar mill-iSpettur Malcolm Bondin sabiex jaghmel ezamijiet kimici ta' restawr tan-numru serjali taghhom peress li allegatament gew imhassra. Spjega x'irrizultalu u filwaqt li ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "PF" (*Envelope Loose*), ezebixxa wkoll iz-zewg armi in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2013, xehed **Stephen Cachia** (*a fol.* 177 *et seq.*) in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn qal li minn ricerka li ghamel rigward vetturi registrati fuq James Grima, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 249875(M)), irrizultalu li kien hemm is-segwenti erba' vetturi: Honda Civic ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni BBA 985 (li kienet ilha skrappjata mit-2 ta' Ottubru 2000), Opel Vectra ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni ABI 243 (li kienet ilha registrata fuqu mit-18 ta' Novembru 2002), Nissan Sunny ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni DBB 842 (li kienet ilha registrata fuqu mis-27 ta' Dicembru 2011), u Volkswagen Polo ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni ABT 349 (li kienet ilha registrat fuqu mit-18 ta' Ottubru 2010). Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "SC" (*a fol.* 179 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2013, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 189 *et seq.*) fejn gie mitlub jara r-relazzjoni ppreparata minn Dr. Steven Farrugia Sacco u li giet immarkata bhala Dok. "SFS"

(*Envelope Loose*) u meta gie mitlub jghid jekk hux possibbli li jinhargu *call profiles* mill-*mobile* li fid-depozizzjoni tieghu Dr. Steven Farrugia Sacco qal li kien mghawweg, wiegeb: *"Ma nafx, ma nafx ingabux imma kieku jiena naghmel reverse engineering fejn nara l-perjodu li qed jigi mitlub x'hemm ghax jekk hemm telefonata wahda, tnejn u dik hija telefonata biss mhux xi messagg lanqas haqq toqghod is-sewwi biex tohrog l-informazzjoni"* (*a fol.* 190).

**Dr. Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 344) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu moghti lilu fir-rigward tal-*mobile phone* rreparabbli fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB 1" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2013, xehdet ukoll **WPC 23 Geraldine Buttigieg** (*a fol.* 191 *et seq.*) fejn qalet li fit-2 ta' Awwissu 2012 kienet flimkien ma' Pulizija ohra tad-*Drug Squad* meta kienu qed jaghmlu osservazzjoni fuq James Grima fejn, f'hin minnhom, waqt li kienu qeghdin isuqu warajh fit-traffiku gewwa l-Gzira gie deciz li l-imputat jigi mwaqqaf, fejn l-imputat baqa' jsuq vettura Fiat b'velocita' tant li ghamel hsara fuq vettura li kien hemm quddiemu. Tghid li saqu warajh u li l-imputat gie mwaqqaf wara fejn PC 10 qal li ra lill-imputat jarmi xi haga faccata tal-knisja u li meta marret tara sabet *mobile* skur u *battery*. Tghid li ghamlet tfittxija fil-vettura, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv, u li t-tfittxija li saret f'post li l-imputat ghandu l-Mosta rrizultat ukoll fin-negattiv. Tispjega li minn hemm baqghu sejrin f'razzett li hemm fil-limiti ta' Ta' Qali fejn f'kamra fejn hemm qisu *kitchenette* gew elevati xi boroz f'liema hin kienet prezenti hi.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, xehed **PS 894 Alfred Cassar** (*a fol.* 197 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Awwissu 2012 Leeroy Balzan mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija fejn qal li fil-hin li kien ghaddej bil-vettura tieghu minn Triq St. Albert, vettura ohra ta' ghamla Fiat Brava baqghet diehla fuqu u fejn stqarr li kien segwit mill-Pulizija tad-*Drug Squad*. Ezebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "AC" (*a fol.* 199 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2013, xehdet **WPS 48 Sarah Zerafa** (*a fol.* 210 *et seq.*) fejn spjegat li ghamlet ricerka fuq is-sistema tal-armi u wara tfittxija li ghamlet bin-numru tal-Karta tal-Identita' ta' James Grima rrizultalha li l-imsemmi Grima ma kienx licenzjat biex izomm jew igorr armi.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2013, xehed ukoll **Anthony Balzan** (*a fol.* 212 *et seq.*) fejn qal li huwa direttur u sid ta' Balsons Motor. Meta gie muri Dok. "BE" (*a fol.* 90) qal li din hija *quotation* dwar xoghol li kellu jsir fuq Suzuki Alto u specifika fejn. Jghid li l-ammont huwa dak ta' mitejn u erbgha u ghoxrin Euro (€224.00) (plus il-VAT). Jispjega li huma ma ghamlu l-ebda xoghol fuq il-vettura in kwistjoni. Meta rega' gie mistoqsi jghid jekk hux cert, wiegeb li ma kienx cert u ried jiccekkja malli jmur lura l-garaxx.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2013, xehdet l-i**Spettur Louise Calleja** (*a fol.* 217) fejn ezebiet bhala Dok. "LC" (*a fol.* 219 *et seq.*) sentenza moghtija fit-8 ta' Marzu 2007 mill-Qorti tal-Appell Kriminali kontra James Grima. Tghid li hija kienet l-Ufficjal Prosekutur u li l-imputat fil-kawza odjerna huwa l-istess imputat tas-sentenza li ezebiet.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014, xehed **George Cremona** (*Senior Principal Officer* – Dipartiment tas-Sigurta' Socjali – *a fol.* 269 *et seq.*) fejn spjega li gie mitlub jixhed dwar beneficcji socjali li jista' jkun elegibbli ghalihom James Grima, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 249875(M). Jghid li minn ricerka li ghamel irrizultalu li l-imsemmi Grima ma jippercepixxi l-ebda tip ta' beneficcju tas-sigurta' socjali u li l-ahhar li ppercepixxa kien f'Dicembru 2010.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **Joseph Saliba** (*Executive* fi hdan l-*Employment and Training Corporation* – *a fol.* 271) fejn ezebixxa bhala Dok. "JS" (*a fol.* 273) *employment history* ta' James Grima, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 249875(M).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' April 2015, xehdet **Marisa Gauci** (in rapprezentanza tal-Vodafone – *a fol.* 317 *et seq.*) fejn qalet li hija

kienet ikkonfermat bil-gurament ix-xhieda li kienet tat lill-espert tal-Qorti.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' April 2015, xehed ukoll **Dr. Anthony Bonnici** (in rapprezentanza tal-Go Plc – *a fol.* 321) fejn qal li huwa kkonferma bil-gurament ix-xhieda li kien ta lill-espert tal-Qorti Dr. Steven Farrugia Sacco.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017, xehed l-imputat **James Grima** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 377 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Awwisu 2012 gie arrestat meta kien qed isuq vettura fil-Gzira. Jghid li ha lill-Pulizija fid-dar fejn kien joqghod f'San Pawl il-Bahar u minn tfittxija li saret hemm ma nstab xejn. Spjega li f'dawk iz-zminijiet kien ikun fir-razzett ta' missieru li jinsab gewwa Ta' Qali, liema razzett huwa *agricultural store* minn fejn ibieghu t-tiben tar-raba'. Jghid li fir-razzett kien ikun hemm hu u missieru. Jghid li mar mal-Pulizija fir-razzett u saret tfittxija fejn instabu zewg snieter li kien imur bihom ghall-kacca tal-fenek. Jghid li ma kienx registrat u li z-zewg snienter ma kellhomx licenzja. Jixhed li filwaqt li senter minnhom kien izommu go mahzen bit-tiben, l-iehor kien go travu. Mistoqsi jghid jekk apparti s-snieter, instabux xi sustanzi illegali, wiegeb li l-Pulizija bdew ifittxu u li go garaxx kellu xi ftit eroina ghalih, liema eroina jghid li kienet taht l-ixkejjer tal-qamh. Ikkonferma li ttiehditlu stqarrija li giet moqrija lilu u kkonferma wkoll li huwa ma kienx iffirma din l-istqarrija. F'dan il-hin inqrat lilu l-istqarrija rilaxxata minnu (Dok. "JF" – *a fol.* 50 *et seq.*) li huwa kkonferma l-kontenut kollu taghha bil-gurament.

> Minn din l-istqarrija jirrizulta s-segwenti: Mistoqsi x'jaghmel fil-hajja, wiegeb li huwa jahdem fir-razzett tat-tiben ghax ghandhom ir-raba' u meta jsib xoghol ta' kostruzzjoni jmur jaghmlu. Qal li fuq ismu ghandu vettura Fiat Brava li jekk mhux sejjer zball hija dik bin-numru ta' registrazzjoni ABI 243 li tinsab fuq missieru. Qal li joqghod f'dar f'San Pawl il-Bahar flimkien ma' martu u mat-tifel fejn ihallas tliet mitt Euro (€300) kera fix-xahar. Qal ukoll li hu u martu xtraw flat fil-Mosta li ghadu qed jigi trangat. Qal li f'Bugibba martu ghandha hanut tax-xaghar u d-dwiefer. Mistoqsi dwar jekk ghandux access

ghar-razzett ta' missieru li jinsab gewwa Ta' Qali, wiegeb fl-affermattiv u li f'kaz li ma jsibx ic-cavetta taht gebla li jhalli missieru, jaqbez il-hajt. Qal li fir-razzett imur darba jew darbtejn kuljum. Mistoqsi dwar l-affarijiet li sabu l-Pulizija fir-razzett, jghid li d-droga, is-snieter u l-mwiezen huma tieghu. Qal li l-flus ghandhom minnhom missieru, martu u hu. Qal li ma jafx ezatt x'ghandu flus pero' jghid li l-gimgha ta' qabel l-mara gabet ghaxart'elef Euro (€10,000) mir-Russja li sellifhomlha z-ziju taghha u qal li ma jafx ezatt x'kellu missieru pero' jghid li m'ilux missieru biegh xi ghalqa lil Ganni Vella ghal madwar tnejn u hamsin elf Euro (€52,000). Qal li d-droga suspettata eroina li nstabet qalb l-ixkejjer gewwa kamra fir-razzett hija tieghu (tal-imputat), inkluz iz-zewg snieter. Mistoqsi jghid ghala kien izomm l-imwiezen, qal li meta jixtri d-droga kien jizinha biex jara jekk kienx gie moghti ezatt. Qal li l-flus li nstabu gewwa vettura Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni ABT 349 huma kollha tieghu u jghid li minn ghalih hemm xi hamest'elef (5,000). Qal li fuqu kellu madwar tmien mija u hamsin (850) jew disa' mija (900) peress li kien sejjer tal-madum. Mistoqsi dwar it-tubu tal-plastik li nstab mirdum fil-hamrija u li kien mimli bil-flus, jghid li dawk il-flus, ghaxart'elef (10,000) minnhom huma tal-mara u l-ohrajn tieghu u ta' missieru. Qal li fit-tubu hemm madwar sittin elf (60,000) fi flus li jghid poggiehom hu. Mistoqsi dwar x'ghamel fit-2 ta' Awwissu 2012, qal x'ghamel u jghid li fil-hin kien il-Gzira, ra nies nezlin u li mbaghad saq u marru jigru warajh u waqaf. Mistoqsi jghid ghala meta gie mwaqqaf mill-Pulizija fit-2 ta' Awwissu 2012 harab bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBE 032 tant li baqa' diehel go vettura ohra li kienet ghaddejja, wiegeb li ma ndunax li kienu Pulizija. Qal li meta kien fil-vettura rema' zewg grammi eroina u l-*mobile* peress li beza' mill-Pulizija. Qal ukoll li l-*battery* tal-*mobile* u l-borza zghira b'sustanza allegata eroina li gew elevati kienu tieghu. Ikkonferma li lill-Pulizija qalilhom li ma tantx kien imur lejn ir-razzett. Mistoqsi dwar ir-relazzjoni tieghu ma' missieru, qal li gie li tkun sewwa u gie li le tant li gie li jmur ir-razzett u ma jkellimx lill-missieru. Qal li cavetta biex tidhol fir-razzett ma ghandux: jew isibha taht il-gebla fuq il-hajt jew inkella jaqbez

cint. Ikkonferma li ghamel kors u pprova jahdem bit-*taxi* izda jghid li ma ghaddiex mill-kors u l-bank ma sellfux flus. Mistoqsi jghid ghala ried jissellef il-flus meta kien diga kellu flus biex jixtri t-*taxi*, wiegeb li ma missieru m'huwiex sewwa xejn u li l-flus l-ohra huma tal-mara. Rigward il-flus tat-tubu jghid li, jekk mhux sejjer zball, missieru tah aktar minn hamsa u ghoxrin elf (25,000) minn bejgh ta' xi ghalqa u li madwar tliet xhur qabel kien tahomlu (missieru lill-imputat) biex hu (l-imputat) ipoggiehom hemm. Qal li t-tubu ilu hemm madwar tliet jew erba' snin u li minn ghalih hemm madwar sittin elf (60,000). Qal li hu biss kien jaf fejn hu mohbi dan it-tubu fil-hamrija. Mistoqsi jghid ghala kien qieghed izomm dawn il-flus fit-tubu mohbi fil-hamrija, qal li huma ma jemmnux bil-bank u li huma ghadhom l-antika, fis-sens li jahbu l-flus fir-raba'. Mistoqsi jghid jekk ghandux flus il-bank, wiegeb li martu ghandha xi haga tal-flus tat-tifel taghhom. Qal li jabbuza mid-droga eroina u kokajina. Spjega wkoll kif jehodhom u qal li l-ahhar li ha l-eroina kien il-gurnata ta' qabel fil-ghodu x'hin qam ir-razzett u li kokajina ma tantx jiehu tant li jghid li ha madwar gimgha u nofs qabel. Qal li mentri ilu erba' snin jiehu l-eroina, ilu madwar tmien snin jiehu l-kokajina. Qal ukoll li jiehu l-pilloli *stilnox* u *valium* pero' jghid li ghandu ricetta tat-tabib. Ghad-domanda minn fejn jixtri d-droga, ma wegibx. Qal li s-snieter xtrahom madwar sena qabel pero' ma wegibx minn fejn. Mistoqsi jghid ghala s-snieter ghandhom is-*serial number* imhassar, wiegeb li ma jafx u jghid li hu ma messhomx. Ghad-domanda kemm ilu jbiegh droga, ma wegibx. Meta gie mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel b'dak l-ammont kollu ta' eroina ghandu, wiegeb li meta jkollu xi haga tal-flus jahseb ghaliha peress li jiehu zewg grammi kuljum. Qal li mentri l-eroina jixtriha madwar erbghin-hamsa u erbghin Euro (€40-45) il-gramma, il-kokajina jixtriha madwar disghin Euro (€90 il-gramma. Qal li l-ahhar li xtara kien madwar tmenin gramma u li kien hallas tlitt elef u mitejn Euro (€3,200. Ghad-domanda xi drogi jbiegh, ma wegibx. Lanqas ma wiegeb ghad-domanda dwar x'ghandu xi jghid ghall-fatt li l-Pulizija ratu diversi drabi jiltaqa' ta' kuljum ma' certu nies li huma maghrufa mal-Pulizija fit-traffikar u l-uzu ta' droga u raw jghaddielhom xi affarijiet

wara li jkun hareg mir-razzett ta' missieru. Ma wegibx minn fejn jixtri d-droga. Qal li ilu madwar xahar ma jahdem u qal li ghandu tliet mija u hamsin Euro (€350) fil-gimgha dhul minn xoghol ta' bini ghal rasu u man-nies u li mill-hanut taghha martu ddahhal madwar tliet mitt Euro (€300) fil-gimgha. Qal li mentri hu jiehu hsieb flusu, martu tiehu hsieb flusha u li jaqsmu l-ispejjez tal-hajja. Mistoqsi dwar xi spejjez ghandu fix-xahar, wiegeb li ghandu biss il-kera u li l-mara ghandha l-kera tal-hanut pero' jghid li hu ma ghandux x'jaqsam maghha. Qal li l-flat tal-Mosta xtrah madwar sentejn qabel ghall-prezz ta' madwar mitt elf Euro (€100,000). Qal li l-flat huwa mhallas peress li gabet xi flus martu minn ghand il-genituri taghha u li missieru tah xi flus, madwar tletin elf Euro (€30,000).

Matul id-depozizzjoni tieghu moghtija quddiem il-Qorti, l-imputat qal li fit-8 ta' Marzu 2007 kien inghata sentenza mill-Qorti tal-Appell rigward xi tfajliet Russi fejn gie kkundannat tliet snin prigunerija. Jghid li dahal il-habs u wara hames xhur hemm beda jabbuza mid-droga eroina fil-habs stess. Jghid li fis-sena 2008 kien gie mehud fil-*Forensic Unit* u li Dr. Spiteri ma bdilux il-*methadone* pero' bdielu l-pilloli. Jispjega li meta hareg mill-habs minkejja li pprova jkompli bil-pilloli, beda bi gramma droga u spicca jiehu zewg grammi. Jghid li jmur jara lil Dr. Spiteri madwar darba kull xahar u nofs u li ghadu jmur jarah. Jghid li llum il-gurnata ma ghadux jabbuza mid-droga pero' jghid li qieghed fuq il-pilloli u li ghadu jsegwih Dr. Spiteri. Jispjega li meta marru l-Pulizija nstabu madwar sebghin gramma droga, li huwa jghid li xtara f'daqqa u li jghid li kien ser idum bihom qrib xahar u nofs – xahrejn. Jghid li kien jabbuza wkoll mill-kokajina u li kokajina ma sabulux fuq il-post. Jghid li kien jiehu kokajina madwar darba qisu kull tliet gimghat. Jichad li huwa qatt biegh xi droga. Jghid li huwa qatt ma gie rinfaccjat b'xi nies minkejja li fl-istqarrija l-Pulizija semmew xi nies. Jghid li lanqas meta gie arrestat, qatt ma gie rinfaccjat b'xi nies. Mistoqsi jghid jekk waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija tieghu, jekk fl-istqarrija qattx semmewlu diskors li hu ma qalilhomx fl-istqarrija, jekk semmewlux xi nies, wiegeb: *"Qaluli li kienu jigu xi nies, ghidtilihom "mhux veru qatt ma gie hadd bil-lejl" jew hekk, bil-lejl jien gie li kont immur specjalment kienet siefret xi xahar u*

*nofs qabel il-mara kont immur hemm bil-lejl"* (*a fol.* 389). Jghid li qatt ma marru xi nies ikellmuh jew hadulu xi nies. Dwar il-flus li nstabu, wiegeb li dawn hu kien izommhom biex jahdem bihom u li hu qatt ma kellu flus il-bank, li hu dejjem hadem, hadem ix-xoghol tal-gebel, li ghandhom ir-raba' u li jahdmu x-xoghol tar-raba'. Rigward il-flus li martu gabet minn barra, jghid li dawn ma gewx dikjarati ghax ma kienx hemm bzonn. Jghid li madwar tmien xhur qabel, missieru biegh ghalqa lil certu John Vella u kellu xi flus u tahomlu (missieru lill-imputat). Jghid li apparti tiben jinnegozjaw ukoll il-vetturi.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, xehed **John Vella** (*a fol.* 400 *et seq.*) fejn spjega li lill-imputat jafu ghax hu mill-Mosta u peress li hu (Vella) xtara bicca ghalqa minn ghand missier l-imputat u li dana kien fit-23 ta' Gunju 2010. Ezebixxa kopja ta' kuntratt li gie mmarkat bhala Dok. "JV 1" (*a fol.* 402 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, xehed ukoll **Paul Abela** (*a fol.* 406 *et seq.*) fejn qal li kien jixtri u jbiegh il-bhejjem u t-tiben. Jghid li jaf lill-imputat peress li kien ibiegh lil missieru u mbaghad beda jbiegh anke lilu (lill-imputat) u jghid li kien ibieghlu, per ezempju, tiben u xi zewg ghoggiela. Ikkonferma li hu (Abela) gie li mar fl-ghalqa ta' missier l-imputat pero' qal li ma setax jghid ezatt kemm kienu ikollu tiben fl-ghalqa msemmija.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019, xehed l-**Assistent Gudizzjarju Dr. Mark A. Mifsud Cutajar** (*a fol.* 417 *et seq.*) fejn permezz ta' Nota ezebixxa d-depozizzjoni moghtija minn Zaren Grima, liema Nota gie mmarkata bhala Dok. "MAMC 1".

Illi, fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mark A. Mifsud Cutajar, **Zaren Grima** qal (*a fol.* 420) li l-imputat huwa ibnu. Jghid li jaf lil Ganni Vella maghruf bhala l-"Mahmah" peress li jigi mill-famija tieghu u peress li kien ittrasferielu (Grima lil Vella) bicca art ta' wirt li kellu. Jghid li l-art kien ittrasferieha ghal madwar hamsin elf Euro (€50,000). Jispjega li l-flus li dahhal minn dan it-trasferiment tahom lil ibnu l-imputat. Jghid li parti mix-xoghol tieghu kien in-negozju ta' ikel tal-baqar, liema negozju

kien jaghmlu minn gor-razzett taghhom li jinstab fejn tal-*Flower Power*, f'Ta' Qali. Jghid li peress li sahhtu marret lura, dan in-negozju hallieh f'idejn ibnu l-imputat, inkluz il-flus tat-trasferiment li hu jghid ma jafx x'ghamel bihom dawn il-flus ibnu.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz

**Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-Pulizija kienet qed taghmel osservazzjoni fuq l-imputat in segwitu ta' informazzjoni dwar droga li l-Pulizija kellhom, tant li nhareg mandat fil-konfront tal-imputat fejn fit-2 ta' Awwissu 2012 meta l-Pulizija marret biex twaqqaf lill-imputat fil-Gzira fil-hin li hu kien fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBE 032, hu harab bil-vettura, laqat vettura li fiha kien hemm Pulizija li ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern u eventwalment inqabad peress li dahal fi triq li ma kienet twassal ghall-imkien. Qabel l-imputat gie mwaqqaf u kif ukoll meta gie mwaqqaf, huwa gie nnutat jarmi xi haga mill-vettura. Gew elevati borza bi trab kannella u *mobile* mghawweg. Wara li saret tfittxija fuq il-post, l-imputat ittiehed gor-razzett ta' missieru f'Ta Qali fejn saret tfittxija ohra fejn gew elevati, fost l-ohrajn, zewg mwiezen elettronici, sikkina, borza bi trab kannella, snieter tal-kacca u numru konsiderevoli ta' flus (li gew elevati minn vettura u minn tubu tal-*pvc*, liema tubu kien taht il-hamrija).

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat, fejn l-imputat gie akkuzat bis-segwenti: b'pussess aggravat tad-droga eroina, b'pussess semplici tad-droga kokajina u eroina, bi trasferiment ta' flus li kien jaf jew li kellu suspett li nkisbu b'rizultat tal-ghemil tar-reat, b'att ta *money laundering*, b'nuqqas ta' licenzja jew permess ghall-garr ta' skieken, b'nuqqas ta' licenzja ghaz-zamma ta' armi tan-nar, armi jew munizzjoni, bi hsara nvolontarja, b'li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, b'sewqan b'giri

aktar milli jmissu u b'manjiera traskurata u perikoluza. Il-Qorti giet mitluba, fost l-ohrajn, sabiex titratta mal-imputat bhala li sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Illi filwaqt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 423 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni tishaq li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u dan ghar-ragunijiet imsemmija minnha fl-imsemmija Nota ta' Sottomissjonijiet, fis-sottomissjonijiet orali taghha bil-fomm (*a fol.* 427 *et seq.*), id-difiza filwaqt li ddikjarat li kien qed jigu ammessi numru ta' imputazzjonijiet, sahqet ghala l-imputat m'ghandux jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Apparti dak li nghad mid-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 427 *et seq*) fir-rigward tal-istqarrija (Dok. "JF" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fit-3 ta' Awwissu 2012, il-Qorti tinnota li ma ghandha taghmel l-ebda konsiderazzjoni jekk din l-istqarrija ghandhiex tigi skartata minhabba l-fatt li minkejja li meta l-imputat gie biex jirrilaxxa din l-istqarrija huwa gie moghti d-dritt ghal parir legali, huwa ma kellux avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrija (u dana *stante* li f'dak iz-zmien, il-Ligi ma kinitx tippermetti dan). Dana qieghed jinghad in vista tal-gurisprudenza l-aktar ricenti f'dan ir-rigward, fosthom, dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**, dak deciz fil-31 ta' Mejju 2019 mill-istess Qorti msemmija fil-kawza fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs. Avukat Generali et** u dak deciz fl-4 ta' Gunju 2019 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia v. Malta** (Applikazzjoni Numru 63041/13). M'ghandhom isiru l-ebda konsiderazzjonijiet f'dan ir-rigward ghaliex fil-kawza odjerna l-imputat ghazel li jixhed minn jeddu u b'mod volontarju, waqt liema depozizzjoni tieghu, giet moqrija lilu

tali stqarrija mill-konsulent legali tieghu fejn huwa kkonferma tali stqarrija bil-gurament quddiem il-Qorti.

- Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2019 (*a fol.* 426) fejn l-imputat irregistra ammissjoni ghal numru ta' imputazzjonijiet kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta msemmija. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 120) il-Prosekuzzjoni ezebiet *charge sheet* korretta (*a fol.* 122 *et seq.*) li hija **diversa** minn dik originali u li giet ezebita meta l-imputat tressaq taht arrest fl-4 ta' Awwissu 2012 (*a fol.* 1 *et seq.*) tant illi meta fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012 il-Prosekuzzjoni ezebiet ic-*charge sheet* korretta, l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-imputazzjonijiet tac-*charge sheet* korretta u rega' sar l-ezami tal-imputat. Huma **biss** l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni li huma identici kemm fic-*charge sheet* originali (*a fol.* 1 *et seq.*) u dik kif korretta (*a fol.* 122 *et seq.*) u minkejja li l-imputazzjonijiet l-ohra fic-*charge sheet* originali huma simili ghal dawk kontenuti fic-*charge sheet* kif korretta pero' ma jirrizultax li huma enumerati l-istess. Ghaldaqstant, il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet **kollha** addebitati fil-konfront tal-imputat u dana minkejja dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2019 (*a fol.* 426).

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni –**
**(Pussess Aggravat Ta' Eroina):**

Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat ta' eroina. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi

spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)

Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkunx perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti

tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o*

*meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101""*.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li ma nstab xejn minn tfittxijiet li saru fir-residenzi tal-imputat, kemm f'San Pawl il-Bahar fejn jabita l-imputat u kif ukoll go post *under-construction* fil-Mosta. Dan xehduh kemm PC 1213 Carlos Axisa u PS 191 Luke Bugeja Persiano. Da parte taghha, WPC 23 Geraldine Buttigieg filwaqt li kkonfermat li t-tfittxija fir-residenza tal-imputat fil-Mosta rrizultat fin-negattiv, xehdet li tfittxija li ghamlet hi fil-vettura misjuqa mill-imputat dakinhar tal-akkadut fil-Gzira rrizultat ukoll fin-negattiv.

Illi l-atti processwali jikkontjenu wkoll is-segwenti:

- PC 10 Trevor Cassar Mallia spjega kif meta dakinhar tat-2 ta' Awwissu 2012 kien ser jigi mwaqqaf l-imputat fil-Gzira u l-imputat pprova jahrab, ra lill-imputat jarmi xi haga mill-vettura waqt li l-imputat kien qed isuq (fejn wara instabet borza bi trab kannella) u li meta l-imputat waqaf, rega' rah jarmi xi haga ohra go ghalqa (fejn wara gie elevat *mobile* mghawweg). Spjega x'gie elevat minn tfittxija li saret fir-razzett in kwistjoni, b'mod partikolari l-borza li nstabet taht l-ixkejjer.

- PS 1086 Johann Micallef xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 10 Trevor Cassar Mallia rigward dak li gara fil-Gzira u dak li gie elevat, cioé dak li huwa jsejjah bhala *mobile* li nstab maqsum u dak li huwa jirreferi ghaliha bhala *"blokka suspettata"* (*a fol.* 134). Ikkonferma wkoll li minn tfittxija li saret gewwa r-razzett instab mizien elettroniku, xi *foil* u boroz u li f'kamra fejn kien hemm ghadd ta' silla u vettura nstabu mizien elettroniku

iehor, kantuniera bi tracci u taht xkejjer biz-zerriegha nstabet ukoll blokka suspettata eroina.

- PS 191 Luke Bugeja Persiano xehed ukoll fuq l-istess linji li xehdu fuqhom PC 10 Trevor Cassar Mallia u PS 1086 Johann Micallef rigward dak li gara l-Gzira dakinhar tal-akkadut. Spjega li minn tfittxija li ghamel hu taht il-bankina, sab gebla kannella suspettata eroina go borza tal-plastik.

- WPC 23 Geraldine Buttigieg spjegat li wara li dakinhar tat-2 ta' Awwissu 2012 l-imputat gie segwit, hekk kif l-imputat gie mwaqqaf, PC 10 qal li ra lill-imputat jarmi xi haga faccata tal-knisja u li meta marret tara sabet *mobile* skur u *battery*. Spjegat ukoll li f'kamra fir-razzett, fejn hemm dak li hija ssejjah *"qisu kitchenette"* (*a fol.* 192) gew elevati xi boroz f'liema hin kienet prezenti hi.

- PC 1283 Oliver Borg spjega x'instab minn tfittxija li saret fir-razzett ta' missier l-imputat fejn jghid li, fost l-ohrajn, bejn l-ixkejjer instabet borza b'ammont suspettata li kienet droga.

- PS 579 Antoine Micallef xehed li minn tfittxija gor-razzett fejn hemm sodda minn go kexxun gie elevat mizien elettroniku. Xehed ukoll li minn gol-ixkejjer tat-tiben go garaxx li jinsab fir-razzett, il-Pulizija elevat borza mdaqqsa bi trab kannella u qishom gebel. Jghid li minn taht l-ixkejjer gie elevat ukoll mizien elettroniku iehor.

- PC 213 Nikolai Borg spjega kif waqt tfittxija li kienet qed issir fit-2 ta' Awwissu 2012 fir-razzett in kwistjoni waqt li huwa beda jaqla' xi xkejjer li kien hemm, tahthom sab borza mohbija li fiha kien hemm trab kannella. Jixhed li fir-razzett nstabu wkoll zewg mwiezen elettronici.

- Fir-rapport (Dok. "GS" – *a fol.* 32 *et seq.*), redatt minnu, ix-Xjenzat Godwin Sammut wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

(a) *"Illi fuq swabs mehuda minn fuq il-mizien li hemm fid-dokument 216_12_01 u fuq il-mizien u s-sikkina li hemm fid-dokument 216_12_02 instabet is-sustanza Eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

(b) *Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm dokument 216_12_03 u 216_12_04 instabet is-sustanza Eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 74.95 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 23%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

(c) *Skond it-2008-2010 Malta National Report to the EMCDDA [li huwa l-ahhar rapport li pprezentat Malta], l-eroina fl-2010 kienet tiswa €73 kull gramma. Ghalhekk il-valur tad-droga Eroina huwa ta €5,471.35 (ara Appendici I)".*

Illi dak li trid taghmel il-Qorti huwa li tara jekk, in segwitu ta' dak misjub u elevat, jirrizultax sodisfacentement pruvat li d-droga misjuba kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Illi l-Qorti tinnota, minghajr tlaqlieq ta' xejn, li l-ammont misjub u cioé 74.95 grammi li fih instabet is-sustanza eroina m'huwiex ammont zghir.

Illi l-Qorti rrizultalha li l-imputat kien jaghmel uzu mid-droga eroina u minn dik kokajina. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni tal-imputat inniffsu. Da parte tieghu, anke l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Johann Fenech in kontro-ezami jghid li rrizulta li l-imputat huwa *heavy user* tal-eroina.

Illi, da parte tieghu, l-imputat spjega li beda jabbuza mid-droga eroina fil-habs wara hames xhur li kien dahal fil-habs in segwitu ta' sentenza ta' tliet snin prigunerija moghtija fit-8 ta' Marzu 2007. Spjega li meta hareg mill-habs minkejja li pprova jkompli bil-pilloli li kien tah Dr. Joseph Spiteri, pero' meta hareg mill-habs beda bi gramma kuljum u spicca jiehu zewg grammi kuljum. Huwa

jammetti li meta dakinhar tat-2 ta' Awwissu 2012 kien fil-Gzira qabel ittiehed ir-razzett huwa rema zewg grammi eroina u *mobile* li jghid li kienu tieghu. Fid-depozizzjoni tieghu, l-imputat ammetta wkoll li d-droga, is-snieter u l-mwiezen li l-Pulizija sabu fir-razzett kienu wkoll tieghu tant li jispecifika li d-droga li nstabet qalb l-ixkejjer kienet tieghu.

Illi l-imputat jammetti wkoll li kien jaghmel uzu kemm mid-droga eroina u kokajina pero' jispecifika li minkejja li kien ilu jiehu l-kokajina ghal tmien snin u l-eroina ghal madwar erba' snin, qal ukoll li kienu jiehu aktar eroina. Meta gie mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel b'dak l-ammont kollu ta' eroina ghandu, wiegeb li meta kien ikollu xi haga tal-flus kien jahseb ghall-eroina peress li kien jiehu zewg grammi kuljum. Jispjega li l-ahhar li xtara kien xtara madwar tmenin (80) gramma f'daqqa, li kien hallas tlitt'elef u mitejn Euro (€3,200), u li kienu ser iservuh qrib xahar u nofs – xahrejn.

Illi l-Qorti tinnota li fl-istqarrija (Dok. "JF" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata minnu, l-imputat ma wegibx ghad-domandi minn fejn kien jixtri d-droga u kemm kienu ilu jbiegh id-droga u anqas wiegeb ghad-domanda dwar x'kellu xi jghid ghall-fatt li l-Pulizija ratu diversi drabi jiltaqa' ta' kuljum ma' certu nies li huma maghrufa mal-Pulizija fit-traffikar u l-uzu ta' droga u li kien jghaddielhom xi affarijiet wara li jkun hareg mir-razzett ta' missieru. Minkejja dan, kien biss meta l-imputat xehed quddiem il-Qorti, li l-imputat cahad li huwa qatt biegh xi droga. Quddiem il-Qorti, huwa qal li qatt ma gie rinfaccjat b'xi nies u dana minkejja li fl-istqarrija l-Pulizija kienu semmew xi nies. Jghid li lanqas meta gie arrestat, qatt ma gie rinfaccjat b'xi nies. Jghid li qatt ma marru xi nies ikellmuh jew hadulu xi nies.

Illi da parte tieghu, Dr. Joseph Spiteri spjega li l-imputat kellu *addictive personality* u li kien jabbuza mis-sustanza tal-alkohol u li fis-sena 2008 wasal ghad-dijanozi li l-imputat ibaghti minn *obsessive compulsive disorder*, dipressjoni u li kien zviluppa l-problema tad-droga eroina gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin meta kien qed jiskonta sentenza ta' prigunerija pero' jispecifika li l-problema

primarja tal-imputat hija dik tad-dipressjoni u tal-*obsessive compulsive disorder*.

Illi Dr. Joseph Spiteri nniffsu jghid *"milli jidher l-familja l-affarijiet dejjem jigdbu"* (*a fol.* 96). Di fatti, il-Qorti tinnota varji cirkustanzi fejn l-imputat ma kienx konsistenti f'dak li qal:

- Fl-istqarrija (Dok. "JF" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija giet konfermata minnu meta huwa ghazel li jixhed f'dawn proceduri, meta l-imputat gie mistoqsi jghid ghala meta gie mwaqqaf mill-Pulizija dakinhar tat-2 ta' Awwissu 2012 huwa harab bil-vettura li kien biha tant li baqa' diehel go vettura ohra li kienet ghaddejja, huwa wiegeb li ma ndunax li kienu Pulizija. Pero' jirrizulta li qal ukoll li mill-vettura kien rema' zewg grammi eroina u l-*mobile* peress li kien beza' mill-Pulizija! Il-Qorti tistaqsi: kif jista' jkun li kien beza' mill-Pulizija meta jghid li ma kienx jaf li kienu Pulizija?!

- Fl-istess stqarrija, l-imputat ikkonferma li lill-Pulizija kien qalilhom li ma tantx kien imur lejn ir-razzett ta' missieru. Pero' fl-istess waqt qal li fir-razzett kien imur darba jew darbtejn kuljum. Dan ikkonfermah meta xehed quddiem il-Qorti. Fl-istess depozizzjoni quddiem il-Qorti, l-imputat spjega li f'dawk iz-zminijiet mertu tal-kaz odjern, kien ikun fir-razzett ta' missieru. Sahansitra, PC 1283 Oliver Borg jixhed is-segwenti: *"l-verzjoni tieghu tinbidel il-hin kollu, "le jien ma nigix hawn" [ir-razzett], "le jien nigi hawn darba fil-gimgha", imbaghad eskalat li jigi hemmhekk darbtejn kuljum"* (*a fol.* 83). Isegwi ghalhekk li ma jirrizultax li l-imputat ma tantx kienx imur fir-razzett kif qal f'mument minnhom.

- Filwaqt li fid-depozizzjoni moghtija minnu l-imputat ammetta li d-droga, is-snieter u l-mwiezen li l-Pulizija sabu fir-razzett kienu tieghu tant li jispecifika li d-droga eroina li nstabet qalb l-ixkejjer kienet tieghu, ghal bidu huwa cahad dan. Da parte tieghu, PC 1283 Oliver Borg xehed kif meta nstabet id-droga fir-razzett, l-imputat biddel il-verzjoni. Jixhed li l-ewwel l-imputat qal: *""dik jien ma niehux droga""* (*a fol.* 83), u li *"imbaghad li "jiena*

*niehu ta' sikwit, dik nuzaha jien""* (*a fol.* 83). L-iSpettur Malcolm Bondin xehed li hekk kif kienet qed issir tfittxija qalb l-ixkejjer instabet sapuna b'sustanza kannella suspettata eroina u nstabet ukoll xi sikkina, fejn l-imputat qallu li kollox kien tieghu, pero' l-iSpettur Bondin qal ukoll li meta nstabu l-flus fit-tubu, l-imputat qal li dawk il-flus kienu tieghu u li kien qalaghhom bl-gharaq ta' xbinu meta l-imputat qal li kellu xi bar xi snin qabel u li aktar tard beda jbiddel il-verzjoni u qal li minn dawk il-flus kien hemm xi flus tan-nanna tieghu u li parti minnhom kienu tal-mara tieghu u li meta ttiehdet l-istqarrija tieghu, jekk mhux sejjer zball, rega' biddel xi ftit il-verzjoni.

Minkejja dan kollu, il-Qorti tinnota li huwa minnu dak li qalet id-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 427 *et seq.*) meta qalet li f'dan il-kaz ma nstabux, fost l-ohrajn, xi djarju, jew numri tat-telefon, jew pitazzi kif soltu jinstabu. Huwa minnu wkoll li mir-razzett gew elevati zewg mwiezen elettronici (u sikkina) u nstab xi *foil* u boroz. Minkejja dan, il-Qorti, filwaqt li tinnota li fir-rigward tal-imwiezen l-imputat qal li kien juzahom sabiex jizen dak li jkun xtara, tinnota wkoll li mir-rapporti pprezentati minn Dr. Steven Farrugia Sacco u Dr. Martin Bajada ma jirrizulta xejn li b'xi mod jista' jinkrimina lill-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami.

Illi gie sodisfacentement pruvat li l-imputat kien jaghmel uzu tad-droga eroina u li kellu problemi ohra kif msemmija minn Dr. Joseph Spiteri fid-diversi drabi li huwa xehed f'dawn il-proceduri. Diga' nghad aktar il-fuq li l-ammont ta' droga misjub fir-razzett ma kienx wiehed zghir, pero' fl-istess waqt il-Qorti, apparti li kkunsidrat dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami, tinnota b'mod partikolari dak li qal Dr. Joseph Spiteri meta xehed hekk: *"S'intendi nixtieq nghaddi kumment ukoll ghax waqt li hadt id-dettall illi milli jidher il-Pulizija kienu sabulu xi hafna pilloli d-dar ukoll u dawn huma s-sinjal. Ahna nghidulu l-evidenza illi l-OCD tieghu hija qawwija hafna, allura minflok ikollu kaxxa jrid ikollu tlieta, minflok li jkollu oggett, irid ikollu tlieta biex hu jkun safe, mohhu safe illi qatt ma huma se jispiccawlu l-medicini, qatt mhu se jigrilu xejn hazin ghax kollox storjat"* (*a fol.* 97). Jghid li din hija t-*trend* l-aktar komuni li jaraw fl-*obsessive compulsive disorder*.

Illi l-Qorti tirrikonoxxi dak li nghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** li saret riferenza ghaliha fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** kwotata hawn fuq, fejn il-Qorti sahqet li huwa l-Gudikant li jrid jasal ghal konvizjoni fuq il-fattispejci li jkollu quddiemu li d-droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat u li ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* dwar x'inhuma c-cirkostanzi indikattivi.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, wara li din il-Qorti rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ghandha l-*lurking doubt* li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-imputat. Konsegwentement, din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi hemm provi sufficjenti li jindikaw, minghajr ebda dubju dettat mir-raguni, illi d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Tenut kont tal-fatt li fit-tieni (2) imputazzjoni l-imputat gie akkuzat b'pussess semplici ta' eroina (u ta' kokajina), il-Qorti m'hijiex ser issib htija fl-imputat ta' pussess semplici ta' eroina taht l-ewwel (1) imputazzjoni, li huwa reat kompriz fir-reat ikkontemplat fl-ewwel (1) imputazzjoni, u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Pussess Semplici ta' Kokajina/Eroina)</u>:**

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat ammetta din l-imputazzjoni meta sar l-ezami tieghu (*a fol.* 6 u 10). L-imputat ammetta wkoll l-istess imputazzjoni kif dedotta fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2019 (*a fol.* 426) u kkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess. Apparti minn dan, fl-istqarrija (Dok. "JF" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata minnu, liema stqarrija giet konfermata bil-gurament quddiem il-Qorti, l-imputat ikkonferma li kien jabbuza kemm mid-droga eroina u kif ukoll mid-droga kokajina u li kien jixtri mit-tnejn li huma tant li jaghti dettalji ta' b'kemm kien jixtrihom. Spjega wkoll kif kien jehodhom fejn qal li mentri l-ahhar li kien ha l-eroina kien filghodu tal-gurnata ta' qabel irrilaxxa l-istqarrija, l-ahhar li ha l-kokajina kien madwar gimgha u nofs qabel. Minkejja li, fir-rapport tieghu (Dok. "GS" – *a fol.* 32 *et seq.*), ix-Xjenzat Godwin Sammut indika biss is-sustanza eroina, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, u mehud in konsiderazzjoni

wkoll il-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, m'ghandux ikun hemm dubju li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni – (Trasferiment Ta' Flus Li Kien Jaf Jew Li Kellu Suspett Li Nkisbu B'Rizultat Tal-Ghemil tar-Reat); (Att ta' *Money Laundering*)**:

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet in ezami flimkien.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carlos Frias Mateo** deciza fid-19 ta' Jannar 2012 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Ma hemmx dubju illi r-reat ta' *money laundering* huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provinjenza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-*Money Laundering* Kap. 373 ipoggi l-onoru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-onoru tal-provi mhijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs. John Vella**: *"din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi strument ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem"*.
>
> Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-

reat ta' "money laundering" minghajr ma jkollu xi sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma' dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-proprjeta' u l-attivita' kriminali li tkun generat dawk il-flus.

Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **Il-Pulizija vs. Paul Borg** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' *money laundering* taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ghandu jipprova *prima facie* n-ness bejn il-flus jew il-proprjeta' u l-attivita' kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta *"minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-Prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap. 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita' kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni Skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi prima facie pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap. 101 u dan qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-onoru tal-prova fuq l-akkuzat".*

F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il-Kap. jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova *prima facie* japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'*money laundering* taht il-Kap. 101 kif ukoll taht il-Kap. 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-Prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma' xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l-Prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi

> nstabu fil-pussess tal-persuna li ma kienux konformi ma' l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-Prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tipprova huwa fuq grad ta' *prima facie* illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali".

Illi jirrizulta li fit-tfittxija li saret fir-razzett in kwistjoni nstabu certu flejjes, kemm f'vettura Polo bin-numru ta' registrazzjoni ABT 349 u kif ukoll f'tubu tal-*pvc* li nstab taht il-hamrija. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni ta' diversi ufficjali tal-Pulizija, fosthom l-iSpettur Malcolm Bondin, PC 10 Trevor Cassar Mallia, PS 579 Antoine Micallef, PC 1283 Oliver Borg, PS 1086 Johann Micallef, PS 191 Luke Bugeja Persiano, PC 213 Nikolai Borg, u l-imputat innifsu. Fir-rapport (Dok. "RA" – *a fol.* 149 *et seq.*) redatt minnu, il-Perit Richard Aquilina jindika li t-total kollu tal-flus li gew elevati kien dak ta' madwar hamsa u sebghin elf Euro (€75,000).

Illi jirrizulta li mart l-imputat hija *hairdresser*, li ghandha *hairdressing salon* u li l-imputat qal lill-Ufficjal Prosekutur Fenech li huwa ma jemminx fil-banek tant li l-flus izommhom fir-razzett.

Illi diversi ufficjali tal-Pulizija xehdu kif semghu lill-imputat jghid li huwa kien hadem ghall-flus li nstabu u li martu kienet irceviet xi flus ghan-negozju taghha. Da parte tieghu, l-iSpettur Malcolm Bondin xehed li l-imputat qallu li l-ammont sostanzjali ta' flus kontanti li kien hemm fit-tubu kienu tieghu u li kien qalaghhom bl-gharaq ta' xbinu meta l-imputat qal li kellu xi bar xi snin qabel. Ghal kull buon fini, u a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tinnota li diga' ghamlet konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' certu inkosistenzi f'dak li qal l-imputat, fosthom kif indikat mill-iSpettur Malcolm Bondin fid-depozizzjoni tieghu.

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat spjega li joqghod f'dar f'San Pawl il-Bahar flimkien ma' martu u mat-tifel fejn ihallas tliet mitt Euro (€300) kera fix-xahar. Qal ukoll li hu u martu xtraw flat fil-Mosta li ghadu qed jigi trangat. Qal li f'Bugibba martu ghandha hanut tax-xaghar u tad-dwiefer. Meta gie mistoqsi dwar it-tubu tal-plastik li nstab mirdum fil-hamrija u li kien mimli bil-flus, jghid li minn dawk il-flus, ghaxart'elef Euro (€10,000) minnhom huma tal-mara u l-ohrajn tieghu u ta' missieru. Qal li fit-tubu hemm madwar sittin elf Euro (€60,000) fi flus u li jghid poggiehom hu. Rigward dawn il-flus, qal li, jekk mhux sejjer zball, missieru tah aktar minn hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000) minn bejgh ta' xi ghalqa u li madwar tliet xhur qabel kien tahomlu (missieru lill-imputat) biex hu (l-imputat) ipoggiehom hemm. L-imputat spjega li huwa ma jemminx fil-banek u li huma ghadhom l-antika, fis-sens li huma jahbu l-flus fir-raba'. L-imputat spjega li ghandu tliet mija u hamsin Euro (€350) fil-gimgha bhala dhul minn xoghol ta' bini ghal rasu u man-nies u li mill-hanut taghha martu ddahhal madwar tliet mitt Euro (€300) fil-gimgha. Qal li mentri hu jiehu hsieb flusu, martu tiehu hsieb flusha u li jaqsmu l-ispejjez tal-hajja. Mistoqsi dwar xi spejjez ghandu fix-xahar, wiegeb li ghandu biss il-kera tad-dar u li l-mara ghandha l-kera tal-hanut pero' jghid li hu ma ghandux x'jaqsam maghha. Rigward il-flat tal-Mosta qal li xtrah madwar sentejn qabel ghall-prezz ta' madwar mitt elf Euro (€100,000) u spjega li l-flat huwa mhallas peress li martu gabet xi flus minn ghand il-genituri taghha u peress li missieru tah xi flus, madwar tletin elf Euro (€30,000).

Illi dwar l-flus li nstabu l-imputat wiegeb li dawn hu kien izommhom biex jahdem bihom u li hu qatt ma kellu flus il-bank, li hu dejjem hadem, hadem ix-xoghol tal-gebel, li ghandhom ir-raba' u li jahdmu x-xoghol tar-raba'. Fir-rigward tal-ghaxart'elef Euro (€10,000) ta' martu, jghid li martu giet imsellfa dawn il-flus miz-ziju taghha. Spjega li hu kellu xi flus u kellhom xi flus biex jahdmu x-xoghol tat-tiben u li apparti tiben kienu jinnegozjaw ukoll il-vetturi.

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq u minkejja li fil-konsiderazzjonijiet taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-Qorti elenkat numru ta' istanzi fejn l-imputat ma kienx konsistenti f'dak li qal,

minkejja li dawn l-inkonsistenzi ma jista' jmerihom hadd, il-Qorti tinnota li l-imputat ressaq is-segwenti xhieda:

- John Vella kkonferma li fit-23 ta' Gunju 2010 kien xtara bicca ghalqa minn ghand missier l-imputat u ezebixxa dokument in sostenn ta' dan (Dok. "JV 1" – *a fol.* 402 *et seq.*).

- Paul Abela qal li kien jixtri u jbiegh il-bhejjem u kif ukoll it-tiben. Jghid li jaf lill-imputat peress li kien ibiegh lil missieru u mbaghad beda jbiegh anke lilu (lill-imputat).

- Zaren Grima, missier l-imputat, xehed li kien ittrasferixxa lil Ganni Vella maghruf bhala l-"Mahmah" bicca art ta' wirt li kellu, liema trasferiment sar ghal madwar hamsin elf Euro (€50,000). Spjega li l-flus li dahhal minn dan it-trasferiment tahom lil ibnu l-imputat u li parti mix-xoghol tieghu kien in-negozju ta' ikel tal-baqar u li peress li sahhtu marret lura, huwa halla dan in-negozju f'idejn ibnu l-imputat, inkluz il-flus tat-trasferiment li hu jghid ma jafx ibnu x'ghamel bihom.

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq u dak li huwa rikjest sabiex jigu sodisfatti t-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjoni in ezami, il-Qorti tinnota li ma tista' bl-ebda mod issib htija fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet in ezami *stante* li dawn ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu.

**<u>Il-Hames (5) u s-Sitt (6) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(B'Nuqqas Ta' Licenzja Jew Permess Ghall-Garr Ta' Skieken)</u>**
**<u>(B'Nuqqas Ta' Licenzja Ghaz-Zamma Ta' Armi Tan-Nar, Armi Jew Munizzjoni)</u>**:

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet in ezami l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta li waqt it-tfittxija li kienet qed issir fir-razzett in kwistjoni, instabu, fost l-ohrajn, zewg snieter li gew elevati. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mill-iSpettur Malcolm Bondin, PC 10 Trevor Cassar Mallia, PC 1283 Oliver Borg, PC 213 Nikolai Borg u PC 1348 Joseph Campbell. Jirrizulta li nstab senter iehor li kien ta' missier l-imputat u li ma giex elevat.

Jirrizulta wkoll li fid-depozizzjoni tieghu, PC 1525 Patrick Farrugia, li gie appuntat bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali, ghamel riferenza ghal dawn iz-zewg armi li gew konsenjati lilu mill-Ufficjal Prosekutur Fenech u li ezebixxa meta pprezenta r-relazzjoni tieghu (Dok. "PF" – *Envelope Loose*).

Illi mid-depozizzjoni moghtija mill-iSpettur Malcolm Bondin u PS 579 Antoine Micallef jirrizulta li fit-tfittxija li kienet qed issir fir-razzett taht l-ixkejjer instabet, fost l-ohrajn, sikkina.

Illi, apparti l-fatt li l-iSpettur Malcolm Bondin qal li l-imputat qallu li z-zewg snieter kienu tieghu peress li kien dilettant tal-kacca u qallu wkoll li anke s-sikkina li nstabet kienet tieghu, WPS 48 Sarah Zerafa spjegat li minn ricerka li ghamlet fuq is-sistema tal-armi bin-numru tal-Karta tal-Identita' ta' James Grima (minghajr ma semmiet x'kien dan in-numru!) rrizultalha li l-imsemmi Grima ma kienx licenzjat biex izomm jew igorr armi.

Illi, da parte tieghu, l-imputat ikkonferma li minn tfittxija li saret fir-razzett instabu zewg snieter li jghid li huma tieghu u li kien imur bihom ghall-kacca tal-fenek. Huwa xehed li ma kienx registrat u li z-zewg snienter ma kellhomx licenzja.

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha. Fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, filwaqt li l-Qorti tinnota li fid-depozizzjoni tieghu l-imputat ma ammettiex li s-sikkina kienet tieghu, tinnota wkoll li mill-atti processwali ma jirrizultax x'kien in-numru tal-Karta tal-Identita' li ghamlet ricerka fuqu WPS 48 Sarah Zerafa u ma rrizultax anqas jekk kienx hemm bzonn ta' licenzja jew permess ghas-sikkina. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat mill-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Is-Seba' (7) Imputazzjoni –**
**(Hsara Nvolontarja):**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bi hsara nvolontarja fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBH 424 ghad-dannu ta' Leeroy Balzan. Il-Qorti tinnota li meta dakinhar tat-2 ta' Awwissu 2012 gie deciz li l-imputat jigi mwaqqaf fil-Gzira, l-imputat tela' fuq bankina, laqat vettura u baqa' jsuq. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni ta' diversi ufficjali tal-Pulizija, fosthom ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, PC 1283 Oliver Borg, PC 1213 Carlos Axisa, PS 1086 Johann Micallef u WPC 23 Geraldine Buttigieg. Ghall-kull buon fini, il-Qorti tinnota wkoll li l-imsemmi Balzan mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u dana skond kif jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn PS 894 Alfred Cassar u mill-okkorrenza (Dok. "AC" – *a fol.* 199 *et seq.*) redatt minnu.

Illi jirrizulta wkoll li l-vettura li giet milquta mill-imputat kienet dik bin-numru ta' registrazzjoni BBH 424 li tappartjeni lil PC 340 Leeroy Balzan li dakinhar tat-2 ta' Awwissu 2012 kien ghaddej mill-Gzira b'kumbinazzjoni u li ma kellu x'jaqsam xejn mal-investigazzjoni li kienet qed issir fir-rigward tal-imputat. L-imsemmi Balzan xehed li huwa hass daqqa fuq in-naha tax-xellug tal-vettura, fejn irrizulta li kellu l-hsara, u ra vettura Fiat issuq tghaggel fejn spjega li hekk kif wasal fejn eventwalment gie mwaqqaf l-imputat, l-imputat qal li kien ser jaghmel tajjeb ghall-hsara li ghamillu fil-vettura. Huwa ezebixxa stima (Dok. "BE" – *a fol.* 90) u qal ukoll li l-kreditu tieghu gie saldat mis-socjeta' tal-assigurazzjoni tal-imputat. L-istima (Dok. "BE" – *a fol.* 90) giet konfermata bil-gurament minn certu Anthony Balzan li huwa direttur u sid ta' Balsons Motor.

Illi da parte tieghu, fl-istqarrija (Dok. "JF" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, li giet moqrija lilu u konfermata bil-gurament minnu quddiem il-Qorti, l-imputat ammetta li meta huwa harab bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBE 032, huwa baqa' diehel go vettura ohra.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li s-seba' (7) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tmien (8) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Nuqqas Ta' Ubbidjenza Ta' Ordnijiet Legittimi Tal-Pulizija)</u>**:

Illi taht din l-imputazzjoni kif kontenuta fic-*charge sheet* l-imputat qed jigi akkuzat li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Minkejja dan, huwa ben risaput li l-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, fejn l-Avukat Generali ndika skond hu liema artikoli tal-ligi l-imputat kellu jigi misjub hati taghhom, l-Avukat Generali ndika, fost l-ohrajn, Artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrizulta li m'ghandu l-ebda rilevanza ghall-kaz odjern. M'ghandux ikun hemm dubju li l-Avukat Generali ried jindika Artikolu 338(e)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero' gialadarba dan ma giex indikat hekk fin-Nota tal-Avukat Generali, il-Qorti ser ikollha tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien (8) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

**<u>Id-Disa' (9) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Sewqan B'Giri Aktar Milli Jmissu U B'Manjiera Traskurata u Perikoluza)</u>**:

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBE 032 b'giri aktar milli jmissu u b'manjiera traskurata u perikoluza.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs. Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully*

> *shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi jirrizulta li meta dakinhar tat-2 ta' Awwissu 2012 l-ufficjali tal-Pulizija marru javvicinaw lill-imputat fil-Gzira, l-imputat harab minn fuq il-post, tant li tela' fuq bankina, laqat vettura ohra (kif inghad aktar il-fuq) u eventwalment kellu jieqaf peress li dahal fi triq li ma twassal ghall-imkien. Jirrizulta li l-Pulizija kellhom jigru wara l-imputat bil-vetturi taghhom. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni tad-diversi ufficjali tal-Pulizija li kien hemm fuq il-post. Da parte tieghu, PC 1283 Oliver Borg spjega kif l-imputat ghafas il-gass, saq u mess din il-vettura l-ohra, qabad il-bankina u harab. PC 340 Leeroy Balzan spjega li hekk kif hass daqqa fuq in-naha ta-xellug tal-vettura, huwa ra vettura Fiat issuq tghaggel. Anke WPC 23 Geraldine Buttigieg xehdet li l-imputat baqa' jsuq il-vettura Fiat b'velocita' tant li tghid li ghamel hsara fuq vettura ohra.

Illi, da parte tieghu, l-imputat qal li wara li saq marru jigru warajh il-Pulizija u li hu mbaghad waqaf.

Illi, b'applikazzjoni tal-gurisprudenza kwotata hawn fuq fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami, il-Qorti tinnota li minn dak li jirrizulta mill-atti processwali m'ghandux ikun hemm dubju li bis-sewqan tieghu l-imputat saq b'giri aktar milli jmissu u b'manjiera traskurata u perikoluza, tant li tela' fuq bankina u habat ma' vettura ohra u dana meta kien f'daghdigha liema bhala biex jahrab minn fuq il-post. B'hekk isegwi li d-disa' (9) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Recidiva</u>**

Illi fic-*charge sheet* il-Qorti qed tigi mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala li sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta. Fin-Nota ta' Rinviju Ghall-Gudizzju (*a fol.* 355 *et seq.*), l-

Avukat Generali jindika, fost l-ohrajn, Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi filwaqt li l-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja ta' zewg sentenzi (wahda moghtija fit-23 ta' Gunju 2004 (Dok. "JJF" – *a fol.* 244 *et seq.*) u ohra moghtija fit-8 ta' Marzu 2007 (Dok. "LC" – *a fol.* 219 *et seq.*)), il-Qorti tinnota wkoll li filwaqt li l-konnotati tal-persuna kontra min inghatat is-sentenza mmarkata bhala Dok. "JJF" (*a fol.* 244 *et seq.*) huma identici (ghajr ghall-gurnata tad-data tat-twelid u ghall-indirizz residenzjali) tal-imputat tal-kawza odjerna, fir-rigward tas-sentenza mmarkata bhala Dok. "LC" (*a fol.* 219 *et seq.*) xehdet l-iSpettur Louise Calleja fejn qalet li hija kienet l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza in kwistjoni u qalet ukoll li l-imputat f'dik il-kawza kien l-istess imputat tal-kawza odjerna. B'hekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li dawn iz-zewg sentenzi (Dok. "LC – *a fol.* 219 *et seq.* u Dok. "JJF" – *a fol.* 244 *et seq.*) gew moghtija fil-konfront tal-imputat tal-kawza odjerna.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, m'ghandux ikun hemm dubju li dan l-addebitu gie sodisfacentement pruvat u b'hekk l-imputat ser jinstab hati tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: it-tieni (2), is-sitt (6), is-seba' (7) u d-disa' (9) imputazzjoni. Il-Qorti ser titratta mal-imputat bhala li sar recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex

> jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet

> maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi *o meno* tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Illi, filwaqt li l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, wara li kkunsidrat dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, u l-fedina penali (Dok. "JF 2" – *a fol.* 12 *et seq.*). Fl-istess waqt il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni, fost l-ohrajn, dak li nghad minn Dr. Joseph Spiteri fid-diversi drabi li huwa xehed f'dawn il-proceduri.

Illi tenut kont tal-fatt li l-Qorti ser titratta mal-imputat bhala li sar recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hija prekluza milli tapplika l-provedimenti ta' Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* dak li jiddisponi Artikolu 28A(7)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Apparti minn dan, filwaqt li l-Qorti ghandha r-rizervi taghha dwar l-applikabilita' *o meno* ta' wiehed mill-modi li normalment tista' titratta mal-imputat *ai termini* ta' Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li peress li l-imputat ser jinstab hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti hija prekluza milli tapplika wiehed minn dawn il-modi f'dan il-kaz u dana stante dak li jiddisponi Artikolu 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk li l-Qorti ser timponi terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat li (tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali u tal-problemi li kellu l-imputat, u dana skond ma jirrizulta b'mod partikolari mid-depozizzjonijiet ta' Dr. Joseph Spiteri, li l-ahhar darba li xehed xehed li l-imputat kien mixi fit-triq it-tajba) ghandha tkun tqarreb aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien (8) imputazzjoni,

ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet,

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 28 ta' Jannar 2016 u senjatament Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 17(b), 49, 50 u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

kif ukoll wara li rat

Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat James Grima hati tat-tieni (2), tas-sitt (6), tas-seba' (7), u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu (b'dan illi l-Qorti ser titratta mal-imputat bhala li sar recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija.

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Grima sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri (ghajr ghall-ispejjez relatati mar-rapport redatt minn Dr. John Seychell Navarro), cioé is-somma ta' elfejn, disa' mija u sittin Euro u sittin centezmu (€2960.60).[2] Il-Qorti ma kkundannatx lill-hati Grima sabiex ihallas ukoll l-ispejjez relatati mar-rapport redatt minn Dr. John Seychell Navarro *stante* li l-imputat gie liberat, fost l-ohrajn, mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk il-Qorti m'hijiex ser tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

[2] Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" – *a fol.* 37 *tergo*) (€216.12); Dr. Joseph Sptieri (Dok. "JS" – *a fol.* 104 *tergo*) (€300); Perit Richard Aquilina (Dok. "RA" – *a fol.* 153) (€312.35); PS 404 Paul Camilleri (Dok. "PC" – *a fol.* 4 tar-rapport – *Envelope Loose*) (€393.14); Dr. Steven Farrugia Sacco (Dok. "SFS" – *a fol.* 6 *tergo* tar-rapport – *Envelope Loose*) (€1329.13); PC 1525 Patrick Farrugia (Dok. "PF" – *a fol.* 7 tar-rapport – *Envelope Loose*) (€134.99); Dr. Martin Bajada (Dok. "MB 1" – *a fol.* 4 *tergo* tar-rapport – *Envelope Loose*) (€274.87).

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska tas-snieter ezebiti fl-atti processwali. Ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq, il-Qorti tichad it-talba kontenuta fic-*charge sheet* sabiex tigi ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**